KUNSILL LOKALI
QALA

MINUTI LAQGHA NUMRU 32
TAL-KUNSILL LOKALI QALA

I-Erbgha 21 ta' Jannar, 2026.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum I-Erbgha 21 ta' Jannar, 2026, fil-4.45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Rene Abela – Kunsillier
Noel Mizzi – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOGIJA (skond Ordni Permanenti 14A(3)):
Rene Abela – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Jevon Attard - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

32.1 Talba
32.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;
32.3 Approvazzjoni tal-minuti preċedenti
32.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti
32.5 Komunikazzjoni mis-Sindku
32.6 Kwotazzjoni mitfuha ghal Driver tal-Van tal Kumunita
32.7 Speed Management ta Triq l Imgarr
32.8 Tabella Wied Ta Marga
32.9 Lawn Mower ghal uzu tal-Kunsill
32.10 Programm Karnival fil-Qala 2026
32.11 Korrispondenza, Materji Amministrattivi, Lmenti u Suġġerimenti
32.12 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera
32.13 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippreseda l-laqgħa li bdiet fl-4.53 ta' filghaxija

32.1 Talba;

32.1.1 Talba fil-bidu tal-laqgħa

32.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

32.2.1 Inqrat l ittri ta' apoloġija tal-kunsillier Rene Abela. (skond Ordni Permanenti 14A(3)):

32.3 Approvazzjoni tal-minuti preċedenti

32.2.1 Il-minuti ta' l ahhar zewg laqgħat numru 30 u Numru 31 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Ġew approvati unanimament wara li saret korrezzjoni.

Il Korrezzjoni kienet din:

30.9.14 Il-kunsillier Valerie irrimarkat li s-Sindku kiser il liġi tad data protection act billi qal fejn kienet qeda hi meta ma kellux dritt jitkellem ghax ma kienitx fl-Agenda.

Trid tinqara:

30.9.14 Il-kunsillier Valerie irrimarkat li s-Sindku kiser il liġi tad data protection act billi qal fejn **setghet** kienet qeda hi meta ma kellux dritt jitkellem ghax ma kienitx fl-Agenda.

32.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

32.4.1 L-iskeda tal-pagamenti ġiet iċċirkolata minn qabel u għalhekk ittieħdet bħala moqrija. Ġew approvati minn dawk prezenti.

32.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

32.5.1 Is-Sindku beda billi qal li ghal zmien il milied hejjejna programm li ghandna inkunu kburin bih ghax irnexxielna nolqtu lil kull resident f'attivitajiet differenti.

32.5.2 Is-Sindku kompla dwar il-harga tal milied ghal Malta tal kunsill li saret fl-10 ta Dicembru fwejn morna diversi postijiet fosthom fil kunvent tas sorijiet tal klawsura. Qal li saret gabra ta' 5 euro minghand kull min attenda u waqt li konna hemm tajna l-flus li gbarna donazzjoni lil dawn is-sorijiet li jghixu mill providenza. Fosthom iltqajna ma zewg sorijiet li huma ta' dixxendenza mill-qala. Kienet esperjenza sabiha ghal dawk li attendew.

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

32.5.3 Is-Sindku tenna li fid 19 ta Dicembru bhala kunsill ergajna ipprezentajna ghotja ta kotba lil iskola primarja. Tenna li meighu kien hemm l kunsillier Karl buttigieg

32.5.4 Is-Sindku kompla dwar attivita Breakfast with Santa li saret ghall ewwel darba mill kunsill u organizzata mill haddiema tal kunsill nhar l-20 ta' dicembru. Tenna li kinet ta success u li hemm il hsieb li terga issir din is sena wkoll.

32.5.5 Is-Sindku qal li fit 22 ta' dicembru saret l harga tal-Milied f Marsalforn fejn attendew numru sabih ta nies. Kull min attenda inghata pronsietta. Hu fakkar li l-harga edukattiva li jmiss ser issir fis-17 ta' Frar 2026 .

32.5.6 Is-Sindku semma li f' jum il-milied, din is-sena Father Christmas dar madwar il Qala u li hafna hadu ritratt mieghu.

32.5.7 Is-Sindku kompla dwar l attività Milied Flimkien li ttella nhar it-12, 13 , 14 ta' Dicembru u li kienet ta' success kbir. Kien hemm kummenti pozittivi specjalment minghand ta l-istalls ghax qalulna li l-attendenza kienet ferm aktar minn postijiet ohra Gibed l-attenzjoni li bhala Kunsill, din l-attivita saret b'hodma ma' l-Ghaqda Briju San Guzepp. Is Sinndku semma li din is sena inkriet tinda kbira fejn dahlu kwazi li stalls kollha tahta. Kompla billi qal li diga bbukjajna t-tinda ghal din is-sena li ser issir fil 11, 12, 13 ta'Dicembru 2026. Is Sindku sahaq kemm hu sew meta nikkoperaw ghax l-poplu kollu jgawdi. Qal li din l attività saret minn fondi li ngabu mid Departiment tal Kunsilli Lokali.

32.5.8 Is-Sindku qal li fit-30 ta' Novembru, kellna l-ewwel performance ta kor gdid vocal gems li qed jaghmel il-provi fis-sala tal-kunsill. Huwa awguralhom kull success.

32.5.9 Is-Sindku tenna Fid- 29 ta' Novembru, lil QALA SAINTS F.C. rebhu l-unur ta' Gieh il-Qala għas-sena 2025, bil-Premju Hidmet iż-Żgħażagħ jinghata lill-Għaqda Armar San Ġużepp.

32.5.10 Is-Sindku semma li l-Kunsill Lokali tal-Qala, flimkien mal-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex, qassam ikla speċjali għall-Anzjani u Persuni Vulnerabbli nhar Jum il-Milied li minnha ibbenifikaw 20 persuna mill-Qala.

32.5.11 Is-Sindku qal li din is sena il festa tal Kuncizzjoni kienet success u sahaq li l kunsill ghamel dak kollu possibbli biex jghin.

32.5.12 Is-Sindku qal li kien qed ifur id drenagg fi triq l-Mgarr. Sahaq li dan gie irraportat mill-ewwel, bhala kunsill kull meta zbroffa. Tenna li parti mill katusi kienu sfrundaw u kellhom bzonn li jinbidlu. Dan ix xoghol sar minn WSC . Issa malli jkun il waqt ser tinghata t tarmak.

32.5.13 Is-Sindku semma fi triq wied simar tqabbdu linji tad dawl mas sistema l gdida u b'hekk issa baqa linja wahda x issir.

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

32.5.14 Is-Sindku kompla billi qal li gie imqabba il perit tal kunsill biex jaghmlilna pjan ghall pjazza Mikiel Buttigieg kif gejna mitlubin minn Transport Malta.

32.5.15 Is-Sindku semma kif il-Kunsill Lokali tal-Qala, irċevejna l-fondi bħala Finanzjament għall-Karnival 2026. Irringrazzja lill-Ministeru għall-Kultura, l-Arti u l-Gvern Lokali, kif ukoll lid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy, għal dawn il-fondi li permezz tagħhom ser inkunu nistgħu niffinanzjaw parti sostanzjali mill-attivitajiet tal-Karnival li se ntellgħu fil-Qala fit-13 ta' Frar.

32.5.16 Is-Sindku semma li rigward il-maltemp li kellna f'dawn il-jiem ghal-grazzja t'Alla ma wegga hadd u ma kellniex hsarat kbar hlief il-moll ta' Hondoq u l-gebel li tella l-mewg. Il-ministeru naddfu l-parti ta' quddiem ir-reverse osmosis b dak ta' fuq il-bajja isir il-quddiem. Madwar il-Qala ma kellniex hsarat kbar hlief xi tindif u irringrazzja lil haddiema tal-kunsill .

32.5.17 Is-Sindku semma lid-disinn tal-mosaic li qbilna fuqha biex issir f' Wied tal-Marga ghandna sketch u baghtilna l-istima wkoll. Ippproponi li tigi approvata .

32.5.18 Is-Sindku qal li ilu jinghad li ser jibda x-xoghol fi triq il-Wardija, pero issa hemm indikazzjonijiet li ser jibdew id-drenagg. Sahaq li it-twettiq ta' din it-triq ma kienx jiddependi la mil-kunsill u lanqas mill-Ministeru ghal Ghawdex, imma mill kuntrattur.

32.5.19 Is sindku semma li mar iġib kwotazzjoniet, rigward Loan Mower minn Malta. Hu gab diversi imma sahaq li dik tiswa €1,600.00 hi l aktar vantaggjuza billi ghal ghanda aktar *safety features,* ghal harsien tas-sahha tal haddiema, u kienet aktar *Heavy Duty.*

32.5.20 Is-Sindku ghalaq b ahbar tajba li l kunsill akkwsta is-somma ta' 85,000 ewro biex jintuzaw ghal Gnien il-Familja, mill iskema Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità. Dawn se jizdiedu ma l-40,000 Euro ohra li nghatajna ghal proġett ta Gnien il-Familja ftit taz żmien ilu . Diga kellimna lil perit u qed jahdem sabiex inkunu nistghu nibdew b'xi xoghol.

32.6 Kwotazzjoni mitfuha ghal Driver tal-Van tal Kumunita

32.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv, qabel bdiet il-laqgha, flimkien mas sindku Paul Buttigieg u mal-Kunsillier Karl Buttigieg, mar igib l envelopes li intefghu fil-kazza tat-Tender/Qwotazzjonijiet, rigward l offerti ghad Driver tal Van tal-komunita. Ipprezenta erba (4) offerti. Wara li gew miftuha gew ipprezentati hekk:

Frankie Camilleri: Rata fis-siegha €45 (4)
Anthony Portelli: Rata fis-siegha €8 (1)
Sandro Grima: Rata fis-siegha €10.5 (2)
Saviour Buttigieg: Rata fis-siegha €15 (3)

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Fil-parentesi jidru il pozizzjoni skond kif gew, mill irhas ghal ghola.

L offerti gew evalwati rigward informazzjoni li tlabna u li kellhom ikunu annessi li kienu licenzja valida u kondotta tajba minghad il-pulilzija. Kull offeta kienet valida.

Il Kunsilleri Karl Buttigieg semma li mportanti li nghaddu xi informazzjoni lill-Qalin dwar dan is-servizz. Dan ghandu jsir kemm permezz ta avviz fuq il bulletin, kemm fuq facebook, kif ukoll li tintbghat xi tip ta informazzjoni, permezz ta leaflet, bid djar tal-Qala.

Is- Segretarju Evekuttiv rega fiehem il-process li, meta ikun hemm il bzonn tad-Driver, l ewwel jigi mghajjat l-ewwel fil-lista, jekk dan jirrifjuta induru ghat-tieni, u inkomplu sejrin hekk sakemm jinstab sewwieq ghal dik il-gurnata.

32.7 Speed Management ta Triq l Imgarr

32.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv (SE) semma li ircivcejna emajl rigward l-speed managment ta Triq l Imgarr li wara l tlabna lil Transport Malta (TM) minhabba sewqan perikoluż f din-triq. Huwa semma li TM hargu b-erba proposti: dik ta sinjal tat traffiku li jimmarka l veloċità massima ta 50Km, isiru marking ma l art bit *thermoplactic paint* u li jsiru fejn ma hemx residenzi, minhabba il-hsejjes, isiru marking ohra ma l-art biz zebgha, u lahhar proposta li jsiru diversi bolards orangjo fin nofs tat-triq. Il kunsill qabel dwar lewwel tlett propostio imma hadd ma qabel mal bolards ghax jafu ikunu ta periklu aktar. Il kunsillier Karl qal li dawn il proposti ftit li xejn ha jkunu avvettivi u semma l z zebra crossing li kienet ipproponiet l kunsilliera Valerie u saqsa dwara anke Noel ma nizzluwiex bhala proposta. Karl semma li mportanti tkun Zebra Crossing bil lights mahha. Valerie semmiet li s signs tal-ispeed ghandom ikunu fuq poles u li jkunu jidru sew.

32.8 Tabella Wied Ta Marga

32.8.1 Is-SE dawwar il kwotazzjoni u id disinn, li rcivcejna rigward it-tabella ta Wied il-Marga, fejn qal li l prezz kwotat taghha hu ta €3000 Exc VAT. Bit tabella ta tlett (3) metri b'metru (1M). Il Kunsillier Karl sostna li kieku tkuna xi haġa sew li parti mid disinn ikun sinonimu mar-rahal tal Qala, bis sindku jghid li ser jitolbu disinn iehor u li fih idahhal l element tar-rahal. Il Vici Sindku Noel semma it trunċiera. il kunsilliera Valerie semmiet il Kuncizzjoni u l Kunsillier Karl semma l Hondon biex tkun parti mid disinn jew inkella xeni ohra qrib Wied tal-Marga.

32.9 Lawn Mower ghal uzu tal-Kunsill

32.9.1 Is-Sindku sahaq li telgha Malta, sabiex iġib xi kwotazzjonijiet jigward Loan Mower. L-ewwel offerta li gab kienet dik ta €1100 biss tenna li dan il mutur ma ghandux guard fil ġnub u li ghalhekk jista ikun ta periklu ghas-sahha tal-haddiema. Is SE spejga li anness ma kull kwotazzjoni/offerta hemm d-differenzi bejn Loan Mower u iehor. Spejga ukoll li

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

dawn id differenzi jistghu ikun suġġett sabiex ma tintaghzilx l irhas offerta. Il kunsillier Karl saqsa ffejn jista jintuża ta l apparat, bis sindku jghidlu li jista jintuża kemm f'eghlieqi u ġonna, kif ukoll go roundabouts. Il-Sindku spjega li wiehed mill muturi kellu x xafra mikxufa, u l iehor kienet bil harira u minghajr rota ta quddiem. Spjega li l iktar wiehed vantagjuz ghalkemm jiswa €1600 u liktar wiehed rubust, b sahtu u li fih difersi speed. Iddawret ukoll qwotazzjoni ta kemm jinxtara minn barra bil kunsill jaqbel li l prezz hu wiehed gust u ghalhekk kellu jinxtara.

32.10 Programm Karnival fil-Qala 2026

32.10.1 Is-SE ressaq il programm tal karnival li ser jiġi organizzat nhar il Gimgha 13 ta' Frar 2026. Wera l fondi li rcivejna mid-DLG ta €5,000 u li ser ikopru parti mill ispiża tal-karnival. Hawn s-Sindku r ringrazzja li haddiema tal kunsill tax-xoghol siewi li ghamlu biex jiġu diversi kategoriji bi prezzijiet ragjonevoli. Il-kunsillier Karl qal li kollox jidher sew biss kieku jippreferi li preżentatur ikun mir rahal, ghalhemm ma ghandu xejn kontra dak l ntaghzel ghax tajjeb ukill. Sahaq li fejn nistghu nghatu l-opportunita lill-Qalin.

32.11 Korrispondenza, Materji Amministrattivi, Lmenti u Suġġerimenti

32.11.1 Is -SE semma li l attività li jmis tal coffee morning ser isser nhar it-tlieta 17 ta' Frar 2026, u billi ser ikun qrib il-valentinu u sabiex inbidlu ftit u jekk dejjem ikun hemm qbil, minflokk l pjanta tas-soltu ser tinghata borża b hames cikkulatini forma ta' qalb. Iccirkulaw t tlett kwotazzjonijiet li nġabru, bl irhas wahda tkun ta persuna mill Qala, bil-kunsilliera Valerie tejd li hu sew ghax importanti li n nies tal-Qala jiġu mghejjuna. Is-SE tenna li l-prezz tal-coffee morning ser ikun dak ta €12 bil kunsill jaqbel dwar dan.

32.11.2 Is-SE ressaq emejl ta ringrazzjament li s Sindku bghat lil haddiema tal-kunsill dwar is suċċess li kien hemm fl attività Milied Flimkien u Santa's Magical Night. Fl Ittra semma ukoll li t tinda ghanda tiġi mikrija mill gdid. Il Kunsill qabel ma dan.

32.11.3 Is-SE ressaq nqrat emajl tas Sur Bezzina, kittieb, li kiteb ktieb dwar il Qala. Is-SE spejga fuq din l emejl li hu qatt ma kien jaf li kien hemm dak il-ktieb u qalhekk ma setax imexxi fuqu. Issa li tkellem mas Sur Bezzina, s-SE sahaq li ser ikompli isegwi dan il-ktieb. Il-kunsilliera Valerie wigbet li hi pastazata li kittieb li qed jaghti kontribuzzjoni b xejn lil Qala jiġi trattat b dan il mod. Il-kunsillier Karl qal li kemm fil leġislatura passata u dik preżenti kien hemm qbil li dan il monument jitrangża u jitnehha z zejjed li ghandu. Rigward il-lapida s-Sindku qal li din saret skont il qies oriġinali. It-talba li inghatajna biex jitnaqqas kienet ferm gholja. IS-SE qal li qed jistenna kwotazzjonijiet imma dawn ghadhom ma waslux.

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

32.11.4 Is-SE ressaq zewg ritratti ta zewg oġġetti li kienu jintużaw fil kunsill biex jghaddu bhala Absolete u normija l WS. Dawn kienu gyser antik u shredder li ma setghetx tissewwa. Il kunsill qabel dwar dan.

32.11.5 is-SE ressaq rendikont tal-attivita Milied Flimkien. Il-kunsillier Karl saqsa ghax ma jintramawx it-tined taghna bis SE jghid li t tined taghna ntramaw ukill, Il kunsilliera Valerie tejd li ma taqbilx mat tinda, ghax ma tmurx ma Christmas Market u li l kunċett kien qisu festival u mhux Christmas Market. Il kunsilliera Valerie qalet li ghal darba ohra l Qala nxtelghet l ahhar fil-Milied u li l Kunzizzjoni ghalkemm talbet biex isir presepju, baqa ma sar xejn.

32.11.5 Il Vici Sindku talab biex isir xi patching qrib Wied Simar, bil kunsillier Karl jghid li importanti li nduruhom kollha u ma nhallux toqob.

32.11.6 Il Vici Sindku tkellem dwar il possibita li jkun hemm cleaner on call is-Sibt biex jekk jinqala xi haġa rigward hmieg u skart ikun jista jinġabar. Ser naraw jekk xi hadd mill haddiema tal kunsill jistax joqghod On Call.

32.11.7 Il kunsillier Karl semma l kien ippropona rigal li s soltu nghatu li dawk iz zewg persuni bi bżonnijiet specjali, bis sindku jghidlu li inghataw.

32.11.8 Il kunsillier Karl qal li hemm dizasturu fi ġnien il familja fejn hemm hafna perikli u hsara, perikli tad dar, DogPark signs imkssrin fost l ohrajn. Il Vici Sindku qal li ilu jitkellem u jsaqsi fuq id dog park. Il kunsillier Karl qal li ma jistaz ikun. Il Vici Sindku qal li ghandu ikun hemm haddiem full time biex ikun hemm ghal manutenzjoni ta dan il-gnien. Hemm bżonn li tinġibed l attenzjoni dwar id dog park biex jkun miftuh fil hin. Karl talab biex issir bolard bid dahla tal-gnien.

32.11.9 Il kunsillier Karl qal li dan huwa l unika playing field ghax ta Gnien Salvu Attard tnehha kollox u ghalhekk ghandna bżonn niehu hsiebu. Is Sindku qal li haddiema ma ghandniex. Il Vici sindku qal li l kunsill iġib iġib il materjal u hu jirranġa bil-haddiema tal ground. Noel qal li jghandu jitranġa u l importanti li niehdu hsiebu. Nghidu lil Joseph Prego – l electrician – biex inehhu l periklu. Karl qal li issa bir restaurant in nies ser jiżdiedu u l periklu huwa kbir.

32.11.10 Il kunsilliera Valerie qalet ghaliex il bankijiet ta Hondoq ma ghadhomx jinqalghu. Is sindku jghid li din hi deċiżjoni tal MGP u ma nqalghu qatt dawn l ahhar hames snin.

32.11.11 Il-kunsilier Valerie talbet biex isiru mil gdid dawk l information signs li hemm fil pjazza. Il kunsillier Karl qal li il kitba li kien hemm fuqhom qeghda fuq il ktieb The Qala Trail.

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

32.11.12 Il-kunsilier Valerie semmiet il Christmas Market u li ghalkemm intqalilha li hi mhux welcome hi xorta tixtieq taghti l imput taghha. Hi thoss li dan sar festival u mhux Christmas Market. Sostniet li dan il Market kienet bdietu hi u bi ftit flus u dejjem kien sabih. Sahqet li n nies ta l istalls gergru li ma kellhomx bejgh kemm xtaqu u li mhux ser jegghu jiġi. Is -Sindku wieġeb li din saret minn persuna wahda u li hu jaf min kienet, b Valerie twigbu li kien hemm ta' lanqas tliet stalls. Tenniet li ma taqbilx mat tinda. Semmiet ukill li l Christmas Tree lanqas biss intramat u ma kellux jiddahhal l arċipriet imma messu saqsa lilha u kienet taghtih parir fejn hi.

32.12 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

32.12.1 Il kunsillier Karl saqsa saqsa x ha jsir minn triq San Frangisk jekk hux ser tinghat t-tarmac u/jew tinqala. Is Sindku qal li din ser jghaddu servizzi godda tal main tal ilma, u ser jixccekjaw jekk hemx bżonn jinbidel saqsa dwar il possibita li jkun hemm cleaner on call is-Sibt biex jekk jinqala xi haġa rigward hmieg u skart ikun jista jinġabar. Ser il main tad drenaġġ ukill. U wara tinghata t tarmac.

32.12.2 Il kunsillier Karl saqsa dwar il possibilta li tibda issir Triq il Wardija. Il kuntrattur kellu jidba war li tlesta proġett li qed isir bhalissa. Il kunsill qabel li ncemplu lill-kuntrattur sabiex ninbottaw ftit.

32.12.3 Il-kunsillier Valerie saqsiet f hiex waslu l zebra crossing li kienet ipproponiet . IS SE wegibha li saret talba lil TM . Kompla billi saqsa huz ahjar li issir bid dawl, fejn kine hemm qbil li din tkun l ahjar alternattiva.

32.12.4 Il-kunsillier Valerie rega saqsiet ghaliex ghadhom ma telghux il laqghat online, bis SE jinformaha li qieghed f kuntatt ma AD tal moniteragg tad DLG u beda l proċess biex kull ma hemm nieqes jibda jittella.

32.12.5 Il-kunsillier Valerie sasqsiet dwar t triq li hemm bejn triq il Wardija u triq 31 ta Ottubru, li f laqgha preċedenti gie niftiehem li tinghata l isem Dun Lawrenz Theuma. Is Sindku wieġeb li din hi f idejn il Ministru ghal Ghawdex u li jixtieq l issir mill aktar fis possibbli.

32.13 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-6.30 pm. Il-laqgħa li imiss hija skedata ghal-Hamis 26 ta' Frar, 2026 fil-4:45 ta' filgħaxija.

32.9.2 Dawn il-Minuti ġew ippreparati mis-Segretarju Eżekuttiv Jevon Attard.

Paul Buttigieg
Sindku

Jevon Attard
Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt